MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 89/1997/1

**Alpha-tex Enterprises Company Limited.**

**-vs-**

**Jean Pierre Abela, Jacquiline Abela mart Jean Pierre, u s-socjeta' Multi Enterprises Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-13 ta' Jannar, 1997 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tezercita bhala negozju taghha dak li

timporta, tesporta, tissuplixxi, tinnegozja u tirraprezenta socjetajiet esteri li jissuplixxu "textile garments, yarns,

fabrics, sheeting, furnishing materials and other related products” u “any goods, services, materials, commodities, equipment”, kif di fatti hija wkoll awtorizzata mill-Memorandum of Association taghha;

Illi fil-1 ta’ Lulju, 1991 b’kuntratt tal-impjieg tal-istess data is-socjeta’ attrici impjegat lill-konvenut bhala sales executive, pozizzjoni ta’ fiducja, li permezz tal-istess kariga l-konvenut kien f’kuntatti kontinwi ma’ klijenti Maltin kif ukoll mad-ditti li jissuplixxu lis-socjeta’ attrici u lill-klijenti taghha (Dok A);

Illi skond klawsola disgha (9) (d) tal-imsemmi kuntratt tal-impjieg (Dok A) l-konvenut kien obbliga ruhu favur is-socjeta’ attrici illi, kemm waqt l-impjieg, kemm ghalih jew ghal haddiehor jiddesisti milli jhajjar jew jindahal biex, jew jipprova li jiehu ditti, persuni jew socjetajiet li ghal tlett snin kienu klijenti tas-socjeta’ attrici jew kienu fi drawwa li jaghmlu negozju mas-socjeta’ attrici u peress illi l-konvenut obbliga ruhu wkoll illi fl-istess zmien ta’ tlett snin hu ma kellux, wahdu jew ma’ haddiehor, ditta jew socjeta’, direttament jew indirettament, jidhol f’kompetizzjoni mas-socjeta’ attrici u li f’kaz ta’ inosservanza ta’ dawn l-obbligi l-konvenut kien obbligat li hallas penali ta’ Lm5,000 ghal kull darba li jonqos;

U illi skond il-klawsola 9 (c) tal-istess kuntratt tal-impjieg il-konvenut kien obbligat ukoll illi jzomm u jirrispetta l-principju tal-kunfidenzjalita’;

U illi l-konvenuti konjugi Jean Pierre Abela u Jacquiline Abela xebba Buhagiar huma l-unici azzjonisti u diretturi fis-socjeta’ konvenuta Multi Enterprises Limited, socjeta’ kontrollata mill-istess konvenuti konjugi Abela;

U illi l-konvenut kemm waqt li kien impjegat mas-socjeta’

attrici kif ukoll wara li l-impjieg tieghu mas-socjeta’ attrici kien gie terminat huwa kiser l-obbligazzjonijiet tieghu taht

l-istess kuntratt u in partikolari dawk taht il-klawsola numru 9 (d) tal-istess kuntratt, billi kien qieghed jaghmel negozju f'ismu jew f'isem is-socjeta' kummercjali jisimha "Multi Enterprises Limited" u dan f'konkorrenza mas-socjeta' attrici u inoltre f'ismu jew f'isem is-socjeta' Multi Enterprises Limited hajjar, avvicina bl-iskop li jaghmilhom klijenti tieghu jew tas-socjeta' Multi Enterprises Limited, persuni, kumpaniji u ditti li ghall-ahhar tlett snin qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici kienu klijenti tas-socjeta' attrici jew fi drawwa li jaghmlu negozju maghha;

U illi l-konvenut u l-konvenuta Multi Enterprises Limited ghamlu uzu wkoll minn informazzjoni kunfidenzjali li giet a konoxxenza tal-konvenut minhabba il-posizzjoni u impjieg li l-konvenut kellu mas-socjeta' attrici;

U illi s-socjeta' attrici hija it-tramite ossia l-mezz li bih l-konvenut qed jikser l-obbligi tieghu taht il-kuntratt fuq imsemmi mas-socjeta' attrici liema socjeta' konvenuta hija kontrollata mill-konvenuti konjugi Abela;

U illi ghalhekk il-konvenuti huma responsabbli in solidum bejniethom ghall-hlas tal-penali dovuta taht il-fuq imsemmi kuntratt;

U illi b'dan l-agir il-konvenuti arrekaw pregudizzju u danni lis-socjeta' attrici;

U illi l-konvenut minkejja li gie interpellat sabiex jiddesisti mill-agir illegali tieghu baqa' inadempjenti;

U illi s-socjeta' attrici hija ntitolata ghal hlas minghand il-konvenuti in solidum bejniethom ta' penali ta' Lm5,000 ghal kull darba li l-konvenut jikser l-obbligazzjonijiet tieghu taht il-

klawsola numru 9 (d) tal-kuntratt tal-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex;

1. tiddikjara u tistabilixxi kemm-il darba il-konvenut Jean Pierre Abela kiser l-obbligi tieghu taht l-artiklu 9 (d) tal-kuntratt bejnu u s-socjeta' attrici datat 1 ta' Lulju, 1991;

2. tillikwida il-penali dovuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghal kull okkazjoni li fiha l-konvenut kiser l-obbligi tieghu naxxenti mill-klawsola numru 9 (d) tal-fuq imsemmi kuntratt;

3. tiddikjara illi l-konvenuti Jacquiline Abela mart l-istess konvenut Jean Pierre Abela u s-socjeta' konvenuta Multi Enterprises Limited huma responsabbli in solidum bejniethom mal-konvenut Jean Pierre Abela ghal hlas tal-imsemmija penali;

4. tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom jew min minnhom ihallsu l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez, u salvi drittijiet u kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici.

Il-konvenuti huma ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Frank Farrugia, I.D. 337950(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-8 ta' Ottubru, 1997 li permezz taghha eccepixxew:

1. Preliminarjament, li l-eccipjenti Jacquiline Abela u s-

Socjeta' Multi Enterprises Limited m'humiex il-legittimi kontradditturi tat-talbiet attrici, u ghandhom jigu liberati mill-

osservanza tal-gudizzju billi huma qatt ma dahlu fl-ebda rabta jew obbligazzjoni mas-Socjeta’ attrici;

2. Illi, fil-mertu, u bla pregudizzju ghall-premess, il-klawsola penali invokata fit-talbiet attrici hija illegali, nulla u ghalhekk minghajr effett;

3. Illi, minbarra dan, mhux minnu li l-eccipjenti Jean Pierre Abela agixxa b’mod li jikser xi wiehed mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tieghu mas-Socjeta’ attrici;

4. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali nkluz in-noti ta’ sottomissjonijet tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Jannar, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi s-socjeta’ attrici qed titlob il-kundanna ghall-hlas ta’ penali *da parti* tal-konveut a bazi tal-kuntratt ta’ mpjieg li kienu kkuntrattaw il-partijiet fl-1991. Dan il-kuntratt kien jipprovdi fi klawsola 9 li l-konveut Abela ma kellux jikkompeti mas-socjeta’ attrici fin-negozju taghha u li din l-inibizzjoni kellha tibqa’ sa tlett snin wara t-terminazzjoni tal-impjieg. Dan ma setax jaghmlu lanqas permezz ta’ xi ditta ohra u ma setax lanqas jiehu jew jipprova jiehu klijenti tas-socjeta’ attrici.

Il-konvenuti Jacqueline Abela u s-socjeta’ Multi Enterprises qed jeccepixxu l-ewwel nett li m’humiex legittimi kontraditturi; il-konveuti kollha qed jeccepixxu wkoll li l-klawsola msemmija hija nulla u minghajr effett u li l-konvenuti mhux minnu agixxew b’mod li kisru l-ftehim.

Rigward l-ewwel eccezzjoni l-Qorti thoss li hija manifestament fondata. Infatti kien biss il-konvenut Jean

Pierre Abela li kien kontraenti ghall-ftehim imsemmi u certament li kemm il-konvenuta u kemm is-socjeta' konvenuta ma kienux parti minnu u ghalhekk il-ftehim kien *res inter alios acta* ghalihom.

Il-kwistjoni jekk il-ftehim kienx validu jew le tippresenta iktar diffikoltajiet. Dan ghaliex l-Att li jirregola l-Kondizzjonijiet tal-impjieg li kien vigenti fiz-zmien li gie konkluz il-kuntratt, kien jipprovdi illi pattijiet ta' xoghol li jsemmu multi li mpjegat jista' jehel, kellhom ikunu approvati mid-Direttur tax-Xoghol u ma jidhirx li dan il-kuntratt kien gie approvat b'dan il-mod. L-iskop car ta' dan l-Artiklu (26) hu biex l-impjegat jigi protett minn certi penali li jista' jkun li jaccetta minhabba l-htiega normali ta' kulhadd li jkollu xoghol. Minn naha l-ohra l-Qorti tifhem illi ditta li ser timpjega lil xi hadd li jkollu kuntatt dirett mall-klijent, ikollha interess tara li jekk dan l-impjegat jitlaq, l-impjieg ma jiehux mieghu l-klijenti taghha li jkunu saru jafu lil dik il-persuna sew.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jaghmlu riferenza ghas-sentenza Attard vs Frendo deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003 fejn il-Qorti rriteniet (skond huma) li ftehim simili ma jmurx kontra l-Ligi u l-ordni pubblika u ghalhekk huwa validu. Madankollu ezami anke superficjali ta' dik is-sentenza juri li l-kawza msemmija ma kienitx tirrigwardja kuntratt ta' xoghol izda wiehed ta' lokazzjoni ghal skopjiet kummercjali u ghalhekk certament mhux kolpit mill-artikolu msemmi.

Minn naha l-ohra s-sentenzi citati mill-konvenuti, ghalkemm f'kuntest ghal kollox differenti, jolqtu kuntratti ta' xoghol. Dawn is-sentenzi kienu jirrigwardjaw terminazzjonijiet ta' mpjieg li dak iz-zmien kellhom bil-fors jigu approvati mill-istess Direttur tax-Xoghol. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Borg D'Anastasi vs De Cesare (13 ta' Gunju, 1995) per

ezempju tghid car u tond illi *l-kunsens bil-miktub tad-Direttur tax-Xoghol kien assolutament necessarju biex il-principal ikecci lill-impjegat b'mod validu.*

Din il-Qorti kellha okkazzjoni tikkumenta dwar vertenza simili fil-kawza fl-ismijet <u>Attilio Vassallo Cesareo vs Anthony Cilia Pisani</u> deciza fil-31 ta' Jannar, 2003. Il-Qorti preseduta mill-Imhallef Phlip Sciberras, dahlet anke fil-kwistjoni ta' jekk kuntratti simili jikkostiwixxux *restraint of trade* u ccitat diversi sentenzi anke ta' Qrati esteri fuq il-materja. Fl-ahhar pero' il-Qorti kkonkludiet hekk;

*..ma jirrizultax mill-atti li l-approvazzjoni tad-direttur intalbet u wisq inqas inghatat. Approvazzjoni bhal din skond kif manifest mill-Att imsemmi, ma hijiex izolata ghal dak dispost mill-Artikolu 26 biss. Difatti l-approvazzjoni preventiva tad-Direttur tissemma wkoll per ezempju fl-Artikolu 34 sub-inciz 21. Gie determinat b'riferenza ghal dan l-ahhar imsemmi artikolu li dan hu rekwisit essenzjali li kien nieqes fil-kaz odjern.*

*Stabbilit dan kollu din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi kemm jekk il-materja tigi rigwardata mill-ottika tad-disposizzjonijiet tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg, kemm jekk tigi valutata mill-perspettiva tal-kriterji stabbiliti mid-duttrina u l-gurisprudenza ghal dak li jikkoncerna restraint of trade clauses, l-atturi ma waslux sal-punt illi jikkonvincu illi l-klawsola impunjata ghandha titqies valida fit-termini tal-Att jew gustifikata fuq it-test tar-ragonevolezza.*

Aktar qabel il-Qorti qalet; *Dan igib bhala konsegwenza illi l-pattijiet kontrattwali huma soggetti ghad-disposizzjonijiet tal-Att imsemmi u l-inosservanzi taghhom oltre konsegwenzi ta' natura penali ggib in-nullita' tal-kuntratt jew tal-klawsola partikolari tieghu li tkun tikkontravjeni l-artiklu relattiv tal-Att.*

Ghalhekk il-Qorti ma thossx illi ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk il-konvenut kisirx il-klawsola in kwistjoni ghaliex fuq l-iskorta ta’ dan ir-ragonament illi l-Qorti qed tikkondividi, din il-klawsola hija nulla u bla effett.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Jacqueline Abela u Multi Enterprises Limited u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju; tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Abela u tichad it-talbiet attrici.**

**L-ispejjes *in vista* tac-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------